MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2010

Citazzjoni Numru. 1139/2009

**Lombard Bank Malta p.l.c.**

**vs**

**Seliter Limited bhala debitur principali u Paul Agius bhala garanti solidali**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta’ Lombard Bank Malta plc datat 20 ta’ Novembru 2009 fejn Philip Saliba ghall-istess bank jikkonferma: -

Illi l-Bank rikorrenti permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Robert Muscat li jgib id-data tas-sebgha u ghoxrin (27) ta' Marzu, tas-sena elfejn u tmienja (2008) li kopja tieghu hija hawn annessa u mmarkata Dok "A" ikkonceda lis-socjeta` intimata Seliter Limited facilita` ta' *overdraft* u in forza ta'

din il-facilita` l-imsemmija socjeta` intimata ssellfet flus minghand il-Bank rikorrenti u ghandha debitu bilancjali favur l-istess Bank rikorrenti ta' hmistax-il elf, tmien mija erbgha u sebghin punt tlieta tmienja ewro (€15,874.38) skont *statement* hawn anness u mmarkat Dok "B" bl-interessi kkalkolati sas-sitta u ghoxrin (26) ta' Ottubru tas-sena elfejn u disgha (2009), *oltre* l-imghaxijiet ulterjuri mis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Ottubru tas-sena elfejn u disgha (2009) sad-data tal-pagament effettiv, u ggarantiet l-hlas lura tal-imsemmi debitu permezz ta' ipoteka generali fuq hwejjigha kollha prezenti u futuri, u l-intimat Paul Agius ggarantixxa b'mod solidali l-hlas lura tal-imsemmi debitu permezz ta' ipoteka generali fuq il-hwejjeg kollha tieghu prezenti u futuri kif ukoll ipoteka specjali fuq il-proprjeta` tieghu fis-Siggiewi skont kif ahjar deskritt fl-imsemmi kuntratt;

Illi l-intimati naqsu milli jaghmlu il-pagamenti akkont skont kif pattwit;

Illi ghalkemm interpellati sabiex ihallsu dan id-debitu, l-intimati baqghu inadempjenti;

Ghaldaqstant, il-Bank rikorrenti jitlob umilment lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha ghar-ragunijiet hawn fuq premessi:-

1. Tikkundanna lill-intimati *in solidum* ihallsu lil Bank rikorrenti s-somma ta' hmistax-il elf, tmien mija erbgha u sebghin punt tlieta tmienja ewro (€15,874.38) skont *statement* hawn anness u mmarkat Dok "B" bl-interessi kkalkolati sas-sitta u ghoxrin (26) ta' Ottubru tas-sena elfejn u disgha (2009), *oltre* l-imghaxijiet ulterjuri mis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Ottubru tas-sena elfejn u disgha (2009) sad-data tal-pagament effettiv;

Bl-ispejjez kollha nkluz il-VAT fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet legali mis-27 ta Ottubru 2009 sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta` ntimata li d-diretturi taghha huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni taghhom u kontra l-intimat garanti solidali li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni tieghu.

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tal-bank rikorrenti;

Rat illi r-rikors guramentat gie debitament notifikat lis-socjeta` intimata li naqset li tipprezenta risposta u hekk baqghet kontumaci;

Semghet ix-xhieda tal-bank rikorrenti *tramite* Philip Saliba li xehed li fil-mori thallsu mitejn ewro (€200) u saret nota f'dan is-sens u ghall-imghax ulterjuri li ddekorra mid-data tas-27 ta' Ottubru 2009 sad-data tal-effettiv pagament;

Semghet l-Avukat tar-socjeta` rikorrenti;

Ezaminat l-atti tar-rikors;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fir-rikors guramentat tirrizulta ppruvata.

Fil-kontumacja tal-intimati tiddeciedi billi **tilqa' t-talba tal-bank rikorrenti** kif dedotta fir-rikors guramentat.

Bl-ispejjez kontra l-intimati bl-imghax ulterjuri mis-27 ta' Ottubru 2009 sal-effettiv pagament, b'dan li mill-komputazzjoni, l-istess imghax ulterjuri ghandu jitnaqqas fis-somma ta' mitejn ewro (€200) li thallas fil-mori tal-kawza.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------